MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 480/2011

Pamela **FEARS**

Vs

Leo **GRECH**, bħala operatur ta’ *Paramount Garage* u Mario Camilleri

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta’ Mejju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (i) issib li l-imħarrkin jew min minnhom jaħtu għall-inċident li ġara fil-lejl bejn it-23 u

l-24 ta' Ġunju, 2009, fuq *coach* tat-turisti misjuqa mill-imħarrek Mario Camilleri, meta hija waqgħet f'taraġ mhux imdawwal tal-istess vettura u ġarrbet ġrieħi li ma jfiqux; (ii) tillikwida d-danni minnha mġarrbin fl-imsemmi inċident, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit minnha maħtur; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin jew min minnhom iħallsuha d-danni hekk likwidati għall-finijiet tat-tieni talba;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Mejju, 2011, li bih ordnat in-notifika u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq ta' provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrek Leo Grech fis-17 ta' Ġunju, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li hu ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi kollha ma kinux tajbin u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-imħarrek Leo Grech waqt is-smigħ tas-6 ta' Lulju, 2011[1], fejn ingħad li l-istess imħarrek ma kienx sid il-vettura li fiha ġara l-inċident mertu tal-kawża, u dan la f'ismu personali u lanqas bħala operatur ta' garaxx ta' vetturi tal-kiri;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Ottubru, 2011[2], li bih u fuq talba tal-imħarrek Grech, awtorizżat li jitressqu provi b'sostenn tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi waqt is-smigħ tas-26 ta' Ottubru, 2011[3], li biha ċediet l-atti tal-kawża kontra l-imħarrek Mario Camilleri;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Qorti diversament presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2014[4], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet miktuba tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Grech;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Leo Grech fit-22 ta' Ottubru, 2014[5], dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-28 ta' Novembru, 2014[6], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek Grech;

---

[1] Paġ. 59 tal-proċess
[2] Paġ. 60 tal-proċess
[3] Paġ. 61 tal-proċess
[4] Paġ. 129 tal-proċess
[5] Paġġ. 152 – 5 tal-proċess
[6] Paġġ. 157 sa 162 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;
Rat id-Degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar danni minħabba korriment ta' persuna li kienet riekba vettura waqt li kienet fuq xogħolha. L-attriċi fittxet kemm lil min kien qiegħed jopera l-vettura u kif ukoll lix-xufier biex iżżommhom responsabbli għall-ġrieħi li ġarrbet mal-waqgħa;

Illi għall-azzjoni attriċi, l-imħarrek Leo Grech laqa' billi qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi u dan billi la huwa personalment u lanqas bħala l-ġestur ta' *Paramount Garage* ma huwa sid il-vettura li fuqha nqala' l-inċident. Fil-mertu, ċaħad kull ħtija għall-inċident;

Illi matul is-smigħ tal-kawża, l-attriċi ċediet l-atti tal-kawża kontra l-imħarrek Mario Camilleri, x-xufier tal-vettura;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrek Leo Grech, li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi kienet taħdem bħala *tourist rep* ma' Tui Malta Limited taħt id-ditta tagħha bl-isem ta' *Aeolos Tours*. Fil-għaxija tat-23 ta' Ġunju, 2009, l-attriċi kienet riekba *coach* misjuqa mill-imħarrek Camilleri[7], liema vettura kienet mimlija turisti li kienu għadhom kemm waslu Malta u qegħdin jittieħdu lejn il-lukandi tagħhom;

Il-vettura kienet tal-għamla *Volvo Irizar Century*, reġistrata ACY-974. L-imsemmija vettura hija reġistrata f'isem il-kumpannija A.I.L. Limited[8] u ilha hekk reġistrata sa minn Settembru tal-1996[9]. L-imħarrek Leo Grech huwa kemm azzjonist u kif ukoll direttur fl-imsemmija kumpannija[10] u

---
[7] Fil-fatt, minn provi dokumentali li jinsabu fl-atti tal-kawża, jidher li s-sewwieq kien ħaddieħor jismu Silvio Saliba (ara Dok "LGE", f'paġ. 94 tal-proċess)
[8] Dok "BF1", f'paġ. 66 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Brian Farruġia 12.6.2012, f'paġ. 68 tal-proċess
[10] Xhieda tiegħu 12.6.2012, f'paġ. 70 tal-proċess

huwa l-"*contact person*" tal-istess imsemmija kumpannija mal-awtorita' kompetenti dwar it-trasport f'Malta[11];

Illi x'ħin il-vettura kienet qiegħda tinsaq matul Triq it-Trunċiera, fil-Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, qrib Ras il-Qawra, l-attriċi waqgħet għal daharha fit-turġien tal-bieb tal-ħruġ ta' emerġenza tal-istess vettura u weġġgħet;

Illi hija tgħid li t-turġien ma kinux mixgħulin u li dak il-ħin waqgħet minħabba s-sewqan eċċessiv, traskurat u negliġenti tas-sewwieq;

Illi erbat ijiem wara l-inċident, daħlet fit-taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar u tteħdulha r-raġġi[12];

Illi dakinhar tal-inċident l-attriċi kellha sebgħa u ħamsin (57) sena;

Illi l-attriċi kienet qiegħda taħdem fuq il-vettura bis-saħħa ta' kuntratt li Tui Malta Limited kienet għamlet ma' *Paramount Garage* f'Marzu tal-2005[13] dwar kiri ta' vetturi. Il-ftehim kien reġa' ġġedded sa dak inhar li nqala' l-inċident mertu tal-każ[14]. Fl-imsemmi ftehim, l-imħarrek Leo Grech kien deher għal *Paramount Garage* bħala direttur maniġerjali;

Illi l-kawża nfetħet fit-13 ta' Mejju, 2011;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jitolbu l-istħarriġ tal-qagħda legali tal-imħarrek Grech f'din il-kawża. Huwa tħarrek fil-vesti tiegħu personali bħala l-persuna li topera l-*Paramount Garage*;

Illi l-linja ta' difiża tal-imsemmi mħarrek hi li l-vettura li kienet riekba fuqha l-attriċi meta seħħ l-inċident ma kenitx vettura tiegħu imma vettura ta' kumpannija li mhijiex parti fil-kawża. Huwa għalhekk jgħid li ma messux tħarrek u ma jweġibx għall-pretensjonijiet tal-attriċi għaliex mhuwiex bl-ebda mod responsabbli għal dak li seta' ġralha;

Illi mill-provi mressqa ma hemm l-ebda dubju li sid il-vettura li fuqha korriet l-attriċi hija kumpannija privata bl-isem ta' AIL Limited. L-imħarrek huwa azzjonist u direttur ta' dik il-kumpannija. Mill-provi ħareġ ukoll li l-vettura kienet dak il-ħin mikrija bis-saħħa ta' kuntratt li sar bejn Tui Malta

[11] Xhieda ta' Brian Farruġia 20.3.2012, f'paġġ. 64 – 5 tal-proċess
[12] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[13] Dok "XX1", f'paġġ. 98 sa 101 tal-proċess
[14] Ara Dok "XX2", f'paġ. 102 tal-proċess

Limited u d-ditta *Paramount Garage* li għaliha deher l-imħarrek Leo Grech;

Illi l-imħarrek jisħaq li huwa qatt ma ikkuntratta f'ismu u dan għamlu fid-dieher u ma' kulħadd u ladarba sid il-vettura hija terza persuna, u ladarba l-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni, ma jista' qatt ikun responsabbli għal xi danni li hija ġarrbet fl-inċident. Ir-rabta tiegħu mal-każ ma titnissilx minħabba l-fatt li miżbugħa fuq ġenb il-vettura kien hemm il-kelma "*Paramount*";

Illi, min-naħa tagħha, l-attriċi tgħid li filwaqt li hija ma tikkontestax li tabilħaqq sid il-vettura hija l-kumpannija AIL Limited, madankollu l-imħarrek Grech huwa l-persuna li jmissu jwieġeb għax-xiljiet tagħha għaliex huwa l-persuna xierqa li trid twieġeb għalihom. Dan tgħid li għandu jkun minħabba l-fatt li (i) fil-kuntratt li sar bejn Tui Malta u l-*Paramount Garage*, l-imħarrek deher fil-kwalita' personali ta' rappreżentant tal-imsemmija ditta u (ii) għaliex mill-provi dokumentali mressqa joħroġ bosta drabi li kienet *Paramount Garage* li tkellmet mal-imgħallem tal-attriċi dwar l-inċident. Iżżid tgħid li, (iii) fid-dawl tax-xhieda mogħtija mill-istess imħarrek, *Paramount Garage* mhijiex korp mogħni b'personalita' ġuridika distinta, u allura l-imħarrek Leo Grech tħarrek sewwa meta l-kawża saret kontrih bħala l-operatur tal-imsemmija ditta;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa. Jibda biex jingħad li l-fatt li sid il-vettura hija kumpannija b'personalita' distinta ma huwiex daqshekk materjali għad-determinazzjoni tal-kwestjoni mqanqla mill-imħarrek. Minbarra dan, hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[15], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[16]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' merkanzija f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna[17], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[18];

Illi f'dan il-każ, joħroġ ċar li l-ftehim tal-kirja kien sar mill-imħarrek bħala l-operatur tad-ditta *Paramount Garage* u għalhekk zgur ma jistax jingħad li

---

[15] Art. 998 tal-Kap 16
[16] Art. 999(1) tal-Kap 16
[17] Art 1000 tal-Kap 16
[18] Art 1001 tal-Kap 16

kien rabat lill-kumpannija AIL Limited li mingħandha kienu jintużaw il-vetturi li jagħtu s-servizz mitlub minn Tui;

Illi l-Qorti hawnhekk trid tgħid li għalkemm l-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni akwiljani, jidher ċar li l-attriċi tibni l-każ tagħha fil-qafas tar-rabta kuntrattwali li fiha seħħ l-inċident. Hija tgħid li kien l-allegat nuqqas ta' ħarsien ta' regoli ta' sigurta' fuq l-istess vettura li wasslu biex ġralha dak li ġralha u għalhekk l-inċident seħħ minħabba inadempiment kuntrattwali. Il-qafas ta' dik ir-rabta huwa l-kuntratt li sar bejn Tui Malta u d-ditta mmexxija mill-imħarrek. Dan il-fatt huwa hekk espressament muri fl-istess ftehim u għalhekk, bit-tħaddim tal-prinċipji ħawn fuq imsemmija, l-imħarrek wera li kien qiegħed jidher għad-ditta[19];

Illi l-imħarrek jinsab ċitat f'din il-kawża sewwasew fil-vesti tiegħu ta' operatur tal-imsemmija ditta;

Illi huwa prinċipju aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[20], u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[21];

Illi, min-naħa l-oħra, s-sejbien minn Qorti li persuna hija kontradittur leġittimu mhijiex lanqas konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija. Id-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawża tkun kontradittur leġittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-Qorti ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu, aktar 'il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-ħtijiet attribwiti lilha mill-parti attriċi[22];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek Grech fil-kwalita' tiegħu premessa, għaliex mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tiegħu u ssib li huwa tħarrek sewwa u jmissu jibqa' fil-kawża biex iwieġeb għall-pretensjonijiet tal-attriċi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

[19] Ara App. Ċiv. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Renato Ċefai noe vs J & M Aluminium Ltd***
[20] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[21] Art. 993 tal-Kap 16
[22] Ara App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Franz Refalo et vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------